MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 806/2003

**A B C**
**vs**
**D E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici, ippremettiet: li l-partijiet izzewgu fit-8 t'Ottubru 1994, u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, Naomi Marie; li l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli minhabba theddid, offizi gravi u adulterju da parti tal-konvenut fil-konfront taghha; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skont il-ligi sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba theddid, u offizi gravi mwettqa mill-konvenut fuq l-attrici, kif ukoll adulterju kommess minnu; [2] tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Naomi Marie lill-attrici; [3] tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri retta

alimentarja u l-edukazzjoni tal-bint; [4] tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt tieghu ghall-manteniment; [5] ixxolji, tillikwida u taqsam il-komunjoni ta’ l-akkwisti f’zewg prozjonijiet wahda lil kull parti, okkorrendo b’opera ta’ perit nominand, nutar u kuratur; [6] tillikwida l-assi parafernali ta’ l-attrici u tassenjahom lilha; [7] tawtorizza lill-attrici li tghix fid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri; [8] tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost ta’ l-artikoli 48 tal-Kodici Civili; bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut, in sostanza, eccepixxa li: jaqbel ma’ l-ewwel premessa; m’hemmx qbiel mat-tieni premessa u dan minhabba l-fatt li kienet l-attrici li rrendiet ruhha hatja versu l-konvenut ta’ theddid, u offizi gravi u wkoll ta’ adulterju ghalhekk il-hajja konjugali tkissret irremedjabilment; hemm qbiel li l-partijiet gew awtorizzati li jipprocedu ghal firda personali; jaqbel ma’ l-ewwel talba izda ghal tortijiet imputabbli lill-attrici; joggezzjona ghat-tieni talba minhabba l-fatt li fl-interess tal-minuri l-kura u l-kustodja ghandha tigi fdata f’idejn il-konvenut; illi t-tielet talba ghandha tigi michuda minhabba l-fatt li l-attrici ghandha aktar minn impjieg wiehed u ghal dak li jikkoncerna lill-minuri ghandha tkun l-istess attrici li tikkontribwixxi finanzjarjament ghall-istess minuri li ghandha tigi f’data f’idejn il-konvenut; ir-raba’ talba ghandha wkoll tigi michuda u s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 ghandhom japplikaw fil-konfront ta’ l-attrici peress li dina ddekadiet; jaqbel li ghandha tigi xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet izda mhux fi proporzjoni ugwali peress li l-konvenut hadem versu l-komunjoni; is-sitt talba ghandha tigi michuda u dan minhabba l-fatt li l-attrici ma kellhiex assi parafernali u ilha li hadithom zmien twil; tichad is-seba talba peress li l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali; it-tmien talba ghandha tigi michuda; bl-ispejjez kemm dawk gudizzjarju u anke dawk extra gudizzjarji kontra l-attrici;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab a fols.305 sa 309 tal-process u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti integrali mill-istess; [Appendici A].

Rat ir-risposta ta' l-attrici rikonvenzjonata u li tinsab a fols.318 sa 319 tal-process u li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess; [Appendici B].

Rat ir-rapport tal-Perit legali l-Avukat Dottor Norma Vella;[1]

Rat ir-rapport ta' l-Agenzija Appogg; [Vol.3 – fol.588 et seq];

Rat ir-rapporti tal-Perit l-AIC Mario Cassar; [Vol.3 – fols.732 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits tal-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lit-tifla minuri tal-partijiet kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro-talba**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li il-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli minhabba tort tal-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tort tal-firda esklussivament lill-attrici, u intavola kontro-talba f'dan is-sens fejn jghid li l-attrici rrendiet ruhha hatja versu l-konvenut a bazi ta' l-Artikoli 38 u 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Vol.7 – fols.3347 et seq.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewgu fit-8 t'Ottubru 1994, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifla Naomi Marie li illum ghadha minorenni.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li kellha tqala difficli fejn anke kienet rikoverata l-isptar u l-problemi bejn il-partijiet bdew f'dan l-istadju meta hija tghid li l-konvenut inbidel fil-konfront taghha "*jien kont imdejqa bil-fatt li r-ragel kien jiddejjaq l-isptar u kien jittrattani bhal li kieku kont 'mahmuga'*"[2]. Wara li giet it-tarbija s-sitwazzjoni d-dar, skont l-attrici, kompliet tmur ghall-aghar fejn zewgha ma kienx jersaq lejha kwazi qatt u anke il-hajja sesswali taghhom kienet marret hafna lura, sa tali punt li l-attrici tghid li kienet issugerit lill-konvenut sabiex ifittex l-ghajnuna izda huwa qatt ma ried u kien jattribwixxi din il-problema ghall-fatt li ma kienux iqattu bizzejjed hin flimkien u minhabba pressjonijiet fuq ix-xoghol. L-attrici ssostni li hija kienet waqfet mix-xoghol fiz-zmien meta kellha t-tarbija izda meta regghet bdiet tahdem is-sitwazzjoni xorta ma tjebitx anzi "*ir-relazzjoni taghna kienet qed tmur mill-hazin ghall-ghar. Ma kienx hemm imhabba, komunikazzjoni, jew intimita` u rari konna nohorgu. L-iskuza tieghu kienet dejjem li ma kellniex bizzejjed flus biex inkunu nistghu naghmlu li rridu*"[3].

L-attrici tilmenta wkoll li beda jkollhom problemi fuq il-flus, li l-konvenut riedha tbiddel il-mod ta' kif kienet izzomm rendikont ta' l-infieq u ried ikun jaf x'kienet qieghda tonfoq, kien ukoll jakkuzaha li qed taghti flus lill-familjari taghha. Dan barra mill-fatt li l-attrici tghid li l-konvenut kien "*jghajjarni kull xorta ta' aggettiv, bhal hoxna, kerha, mignuna, mitluqa, mahmuga u li ma kont kapaci naghmel xejn*"[4]

Punt iehor li ssemmi l-attrici huwa li kien ikollhom argumenti fuq il-hrug, li l-konvenut ried dejjem imur post wiehed u cjoe Gianpula f'dawk l-okkazzjonijiet rari li kienu

[2] Vol 1, fol.41.
[3] Vol.1, fol. 42.
[4] Vol. 1, fol. 43.

johorgu u dan peress li kien hemm mara li wara l-attrici tghid li saret taf li kellu relazzjoni maghha. L-attrici ssostni wkoll li l-konvenut kien johrog wahdu u jghidilha li ser jiltaqa' ma' shabu tax-xoghol, izda meta kienet tgergirlu huwa kien iwigibha li ma kien qieghed jaghmel xejn hazin peress li t-tifla tkun rieqda. Il-konferma li l-konvenut kien qieghed ikollu relazzjoni extra maritali giet meta l-attrici tghid li fit-2 t'Ottubru 2002 sabet ircevuta ta' fwieha li wara rrealizat li kien xtara ghall-mara l-ohra, Marika, li kienet talaq zmienha proprju f'dik id-data. Xi ftit zmien wara t-2 t'Ottubru 2002 u cjoe f'Novembru l-attrici ssostni li hija kienet segwiet lill-konvenut u qabditu jitradiha. L-attrici bdiet il-proceduri ta' separazzjoni, izda xorta ppruvaw jirrangaw l-affarjiet bejniethom. Meta hija kkonfrontat lill-konvenut dan ghall-ewwel ammetta izda wara, beda jipprova jbezzaghha u jghidilha li ma setghet tipprova xejn u zamm il-kuntatt ma' Marika. Il-partijiet marru anke ghand Fr. Preca u Joyce Valletta tal-Moviment ta' Kana, skont l-attrici izda l-konvenut xorta baqa' bil-problemi dwar il-flus u ma kienx baqa' jaghtiha flus ghall-hajja u kien anke jghid kontra l-familja ta' l-attrici, baqa' johrog wahdu u s-sitwazzjoni kompliet tmur hazin. Dina s-sitwazzjoni negattiva bdiet ukoll teffetwa lill-minuri, tghid l-attrici.

L-attrici ssemmi numru ta' incidenti li wkoll hemm rapporti tal-pulizija ghal certi minnhom fejn il-konvenut ghamel xenati anke quddiem it-tifla minuri, hedded, ghajjar u segwa lill-istess attrici.

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut jghid li huwa dejjem hadem fid-dar matrimonjali tal-partijiet billi ghamel hafna xoghol fiha huwa stess, mentri l-attrici ma kienx jinteressaha minn dan izda kienet dejjem "*mohhha biss biex tmur il-bahar, issiefer u tfittex kumpannija ghal skopijiet ta' sess ma' rgiel ohra anke mizzewgin minn wara dahri, fosthom is-Sur Edward Borg...tfittex ix-xaghra fl-ghagina biex taghmel il-hajja difficli u impossibli fuq affarjiet bazici bejnietna u issib l-iskuzi biex tohrog tiddeverti. Kont nindunajt minn qabel li verament ma taghti kaz ta' xejn u tfittex biss il-pika personali, biex tidher li taparsi tiehu*

*interess u minn fuq, trid li dejjem tghaddi taghha. Nghid ukoll li A mhux l-ewwel darba kienet tispicca bla xoghol ghax tigi mkeccija u ghalxejn kont nghidilha li ghandha bzonn terfa' ftit responsabbilta. Nghid ukoll li ohtha l-kbira, Carmen kienet laqqmitha ix-xewka*"[5]. Huwa jghid li l-attrici kienet marret l-Ingilterra wara li ddecidew li jippruvaw ghat-tfal u dan anke kontra r-rieda ta' zewgha minhabba li finanzjarjament ma kienx jahseb li kien moment tajjeb biex issir din in-nefqa. Inoltre, l-konvenut jghid li waqt din iz-zjara l-attrici qadet ma' habib ta' huha li jismu Simon minflok ma qadet ma' hu missierha li kien jghix l-Ingliterra u li dejjem kien jinsisti li minn imur Londra joqghod mieghu.

Il-konvenut jghid ukoll li l-familjari ta' l-attrici jbaghtu minn dipressjoni u whud minnhom anke qieghdin taht kura, huwa jsostni li l-familja ta' martu "*jaslu anke jigdbu fuq haddiehor l-aqwa li jilhqu l-ghan irresponsabli taghhom*"[6]. Huwa jghid li ra sintomi ta' dipressjoni anke fl-attrici wara li kellhom l-ewwel tarbija, xaghar l-attrici beda jihfif u kienet mitluqa. Il-konvenut isostni li anke offrilha l-kura izda l-attrici irrifjutat. Fir-rigward ta' missier l-attrici, l-konvenut qal li spiss jitlalu u anke refa' idu fuq omm l-attrici fil-prezenza tal-partijiet fejn anke sabbat lill-minuri li dak iz-zmien kellha biss sentejn ma' l-art.

L-aspett ossessiv u suspettuz ta' l-attrici jsemmieh il-konvenut billi jirrakkonta numru ta' incidenti li sehhew fosthom meta hija qaltlu biex ma joqghodx jehmez lill-avukat taghha biex jittantaha jew meta segwitu fil-post f'Rahal Gdid fejn kien qieghed jahdem . Kien hemm ukoll cirkostanzi, skont il-konvenut, meta l-attrici kienet tohrog u meta jistaqsiha fejn kienet marret kienet tghidlu li ma kinitx komda twiegbu, dan meta kienet ukoll tiltaqa' ma' habib tal-qalb taghha certu Ivan Cilia.

Fir-rigward tat-tifla minuri Naomi, l-konvenut jghid li l-attrici kienet ukoll titraskuraha u jsemmi incident fejn it-tifla wegghet meta kienet il-bandli "*x'hin wasalt id-dar jien,*

---

[5] Vol. 1, fol 79.
[6] Vol. 1, fol. 82.

*Naomi kienet ghadha tqum u bdiet tibki. Meta staqsejt lil A x'ghandha wegbitni li qieghda titqazzez ghax rat lili. Meta rajt x'ghandha indunajt li Naomi kellha ferita kbira f'xoffitha. Ghalhekk hadtha ghand tabib li sab li kella bzonn erba punti*"[7].

Il-konvenut issostni li l-attrici telqet mid-dar f'Mejju 2003 u kienet taggixxi b'mod biex tipprovokah sabiex jitlalu, izda huwa kien dejjem joqghod attent. Sahhansitra jirrakonta kif darba l-attrici nizlitlu r-roti tal-van u peress li kienu baxxi kwazi kellu incident ghax skidja.

*Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Jidher li l-akbar problema bejn il-partijiet kienet wahda finanzjarja, fejn jidhlu flus. Minn naha tal-konvenut huwa kien hu stess li sahaq li kien gustifikat f'li ma jghaddhiex aktar flus jekk ma jinghatax rendikont. Da parti taghha l-attrici kellha attitudni zbaljata meta kienet gieli twiegeb lill-konvenut li ma kinitx komda tirrispondieh.

Il-Qorti hi tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment tort tal-imgieba taghhom fil-konfront ta' xulxin, li kienet irrendiet impossibbli l-konvivenza matrimonjali. Dan il-komportament jikkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini tal-artikolu 40 fuq citat.

Rigward l-allegat adulterju, il-Qorti tosserva li dan ma giex provat, izda l-hbiberija zejda li l-konvenut kellu ma' certu Marika Caruana, u l-persistenza tal-konvenut f' din il-hbiberija minkejja li kienet ta' detriment tal-hajja konjugali bejn il-partijiet, tikkostitwixxi 'ingurja gravi' da parti tieghu fil-konfront ta' martu l-attrici.

Ghaldaqstant, filwaqt li t-tort tas-separazzjoni tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet, il-htija tal-konvenut ghas-separazzjoni hija akbar minn dik tal-attrici. Il-Qorti qed tiffissa bhala d-data tas-separazzjoni personali u tad-dekadenza il-31 ta' Mejju 2003.

**Kura, Kustodja u Access**

[7] Vol. 1, fol. 84.

Il-Qorti taqbel mar-relazzjoni tal-Perit Legali taht dawn iz-zewg titli u ghalhekk tadotthom fl-intier taghhom u ghalhekk tordna:

Li l-kura u kustodja tat-tifla minuri, li ser taghlaq hmistax-il sena fit-2 ta' Settembru 2013, tigi f'data f'idejn l-omm, minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-misser.

Peress li t-tifla baqghet tghix mal-attrici minn mindu din telqet mid-dar matrimonajli, huwa fl-interess tal-istess minuri li din tibqa' tghix ma' l-omm.

Rigward l-access favur il-missier, il-Qorti tordna li dan ikun wiehed konkordat bejn il-missier u bintu, tenut kont li t-tifla llum ghandha 15-il sena. Izda fin-nuqqas ta' tali ftehim, l-access ikun kif ser jinghad:

kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mis-6pm sat-8pm, u fil-weekends, b' mod alternat, mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt 6.30pm, u mis-Sibt fl-4.30pm ghall-Hadd fi-8pm. Meta t-tifla jkollha l-ballet, il-missier jirritorna lit-tifla fit-8.30pm il-Hadd.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, il-mara tissugerixxi li kull parti tiehu lit-tifla ghal tlett weekend breaks jew tlett ijiem matur il-gimgha fis-sena, fil-vakanzi skolastici, bi pre-avviz ta' wiehed u ghoxrin 21 gurnata lill-parti l-ohra, u ma jkunx hemm access mill-parti l-ohra waqt il-weekend breaks. Minn naha tieghu l-konvenut ma jsibx oggezzjoni ghal dan is-suggeriment ta' martu. Ghalhekk tordna li jkun hemm access ghat-tifla favur il-missier fil-granet tal-Mielied, l-Ewwel tas-Sena u f'Jum l-Ghid, b'dan illi l-access ghandu jigi alternat bejn il-genituri kull sena f'dawn il-jiem.[8]

**Manteniment**

Illi rigward manteniment lill-attrici ghaliha, il-Qorti tosserva li l-ebda manteniment m'ghandu jghaddi bejn il-partijiet stante l-fatt li t-tnejn ghandhom il-kapacita` li jahdmu hekk kif di fatti jaghmlu, kif ukoll tenut kont tal-fatt li fil-fehma

[8] Vol. 7, fols. 3374 u 3375.

tal-Qorti l-komportament tal-partijiet fil-konfront ta’ xulxin ghandu jattira l-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront taz-zewg partijiet.

Illi rigward il-manteniment dovut lill-attrici ghal minuri, mill-konvenut bhala sehemu ghat-trobbija taghha, il-Qorti tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ mitejn u erbghin ewro [€240] fix-xahar, filwaqt li l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri, kif ukoll dawk tal-ballet jinqassmu ugwalment fejn il-partijiet, fir-rigward t’attivitajiet extra kurrikulari ohra tal-minuri dawn ghanhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet wara li jkun hemm qbiel dwar l-istess. Dan il-manteniment jghola kull sena skont l-gholi tal-hajja kif indikat fl-inidici ufficjali tal-Gvern.

Inoltre tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ erba’ mija, tnejn u hamsin ewro [€452] arretrati ta’ manteniment

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi l-Qorti qieghda tannetti mal-gudizzju odjern kopja tal-pagni 27 sa 31 tar-relazzjoni peritali [Appendici A – Vol.7 fols.3375 sa 3378] peress li aktar ‘il quddiem f’ din is-sezzjoni ser issir referenza ghall-kontenut taghhom.

_Vetturi_
Il-Qorti taqbel u tadotta l-kontenut taht dan it-titoli tar-rapport tal-Perit Legali.

“*Jirrizulta illi hemm zewg vetturi tal-partijiet fil-komunjoni tal-akkwisti. Jirrizulta illi r-ragel dejjem saq il-vann. Ford Transit filwaqt li l-mara kienet tuza l-Ford Fiesta sakemm giet imnezza mill-pussess taghha fil-11 ta’ Jannar 2004 mir-ragel taghha.*

*Il-vettura Vann Ford Transit HAC 517 ghandha tigi assenjata lir-ragel b’dan illi hu jhallas lil martu sehmha, skont il-valur tal-assikurazzjoni tal-vettura, tas-sena 2004.*

*Il-vettura Ford Fiesta AAM 269 ghandha tigi assenjata wkoll lir-ragel b’dan illi hu jaghti lil martu sehemha skont il-valur li kellha fis-sena 2004 (il-mara giet imnezza mill-*

*pussess tal-vettura Fiesta fil-11 ta' Jannar 2004 vide rikors 13 ta' Jannar 2004 a fol 114).*"

*Immobbli tal-partijiet*
Illi d-dar matrimonjali u cjoe il-fond bin-numru 37/39, Triq il-Grecja, Naxxar ghandu jitpogga fuq is-suq hieles u jinbiegh fi zmien sitt xhur ghall-prezz ta' mhux anqas minn Lm120,000 [illum ekwivalenti ghal €279,524.81] u dan skont il-valur miftiehem bejn il-partijiet waqt is-seduta quddiem il-Perit Legali tat-30 ta' Novembru 2005 (Vol. IV, fol. 1242). Kemm-il darba dan il-fond ma jinbieghx, dan jinbigh bis-subbasta skont il-ligi.

Mill-prezz tal-bejgh il-partijiet ghandhom jiehdu s-sommom lilhom assenjati skont kif hawn aktar `l isfel deskritt u, wara, ir-rimanenti somma ghandha tinqasam fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.

*Kontijiet Bankarji*
Il-Qorti taqbel mal-kontenut taht dan it-titolu tar-rapport tal-Perit Legali i jinsab f'pagni 29 u 29 ta' l-istess rapport u tadottah fl-intier tieghu;

*Mobbli Parafernali*
Il-Qorti taqbel u tadotta l-kontenut taht dan it-titolu tar-rapport tal-Perit Legali fl-intier tieghu, stante l-fatt ukoll li z-zewg partijiet qablu ma' dan fin-noti t'osservazzjonijiet taghhom.

"*Jirrizulta illi z-zewg partijiet kellhom mobbli parafernali. Il-Mobbli parafernali li ghandhom jigu assenjati lil mara huma freezer, fridge, washing machine, fan, magna tal-hjata u zewg sodod (vide nota guramentata tal-attrici).*

*Il-mobbli parafernali tar-ragel ghandhom jigu assenjati lir-ragel u cjoe l-ghodda, mejda u siggijiet tal-kcina.*

*Il-bqija tal-ghamara tinbiegh mal-post ammenoche il-partijiet jaslu fi ftehim bejniethom*"[9].

[9] Vol. 7, fol. 3376.

<u>*Flus li hargu il-partijiet qabel iz-zwieg*</u>
Il-Qorti tadotta u taghmel parti integrali ta' din is-sentenza dak li jinsab f'pagna 30 tar-rapport tal-Perit Legali taht is-subtitolu <u>*"Flus li hargu il-partijiet qabel iz-zwieg".*</u> Izda tippreciza li ghandha ssir korrezzjoni fic-cifra fil-paragrafu 98 fejn l-ammont ta' Lm1,533.50 ghandu jaqra Lm1,083.50 u l-ammont ta' €3,572.10 ghandu jaqra €2,523.88 peress li dan jekwivali ghal nofs l'ammont ta' Lm2167 (€5, 047.76) u mhux kif indikat fir-rapport.

<u>*Dejn tal-partijiet*</u>
Il-Qorti taqbel u tadotta l-kontenut taht dan it-titoli tar-rapport tal-Perit Legali fl-intier tieghu, stante l-fatt ukoll li z-zewg partijiet qabblu ma' dan fin-noti t'osservazzjonijiet taghhom.

"*95. Fix-xhieda ta' Victoria B tal-14 ta' Marzu 2005, hi kkonfermat li l-partijiet kellhom dejn maghha u mar-ragel, fis-somma kumplessiva ta' elf u tlett mitt lira Maltin Lm1,300. Hemm qbil bejn il-partijiet li s-somma dovuta hi ta' Lm1,300 cjoe 3,028.19 Ewro.*

*Ghalhekk id-dejn ghandu jithallas bejn il-partijiet b'mod ugwali u cjoe kull parti ghandha thallas is-somma ta' Lm650 cjoe 1,514.06Ewro minn dan id-dejn, liema dejn jithallas mir-rikavat tal-bejgh tal-post.*

*Jirrizulta illi s-somma minn Lm,4000 cjoe 9,317.50Ewro kienet telghet ghal Lm5,438.96 cjoe 12,669.38 Ewro bl-imghax (affidavit tal-konvenut datat 19 t'April 2004), li baqghu fuq ismu sa Marzu 2002. Il-mara tghid li kien hemm ftehim bejn il-partijiet u l-genituri tal-konvenut, illi l-interessi kellhom jinqasmu nofshom ghall-genituri u nofshom ghall-partijiet u r-ragel jghid li fil-fatt ommu kienet ghadditielhom xi tlett darbiet nofs l-interessi madwar Lm150 cjoe 349.41 Ewro.*

*Fix-xhieda taghha in kontro-ezami omm il-konvenut Victoria B tghid illi l-interessi kienu haduhom hi u zewgha u li effettivament kien hemm xi tlett drabi li kienu ghaddew xi interessi lil partijiet. Ghaldaqstant ladcarba mhemmx*

*provi li l-interessi kien hadhom il-konvenut, il-mara mghandhiex tigi allokata sehemha pretiz minnha fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-imghax.*"[10].

<u>*Xogholijiet li ghamel ir-ragel fid-dar qabel iz-zwieg*</u>
Il-Qorti tadotta u taghmel parti integrali ta' din is-sentenza dak li jinsab f'pagna 31 paragrafi 101 u 102 tar-rapport tal-Perit Legali, salv li s-somma ta' LM14,053 indikata mill-Perit Cassar fir-rapport tieghu, ghandha tigi korretta fis-sens li l-ammont jkun ta' LM14,710 [ illum ekwivalenti ghal €34,274] kif indikat mill-istess perit fin-nota tieghu [Vol.3 – fol.827].

Fir-rigward tal-pretensjonijiet li l-konvenut qieghed jivvanta fir-rigward tal-propjeta` tal-Housing li marret tghix fiha, dan qieghed jigi michud state l-fatt li dan sar wara d-data li fih qieghed jigi dikjarat li tkisser dan iz-zwieg.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-azzjoni billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija tat-tnejn; izda mhux fi proporzjon ugwali;

[2] tilqa' t-tieni talba hekk kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **"Kura, Kustodja u Access";**

[3] tilqa' t-tielet talba limitatament ghall-manteniment tal-minuri, kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **"Manteniment";** filwaqt li tichadha ghall-kumplament;

[4] tilqa' r-raba' talba u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost fl-intier tieghu tal-artikolu 48 tal-Kap.12;

[5] tilqa' il-hames talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **'Komunjoni ta' l-Akkwisti'**;

[6] tilqa' s-sitt talba kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **"Mobbli Parafernali";**

[10] Vol. 7, fol. 3376 u 3377.

[7] tichad is-seba’ talba, in kwantu diretta sabiex l-attrici tghix fid-dar matrimonjali mal-minuri ad eskluzjoni tal-konvenut;

[8] tilqa’ t-tmien talba fis-sens gja deciz fit-talba numru erba’ [4];

Tiddeciedi dwar il-kontro-talba billi tilqa’ l-istess safejn huwa konformi u kompatibbli ma’ dak fuq deciz, filwaqt li tichadha ghall-kumplament.

L-ispejjez tal-azzjoni u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet, in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut u r-rimanenti terz [1/3] jkun a kariku tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------